MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Numru 27/2008

Il-Pulizija
(Spettur Jason Agius)
Vs
Kirsten Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' numru 370490(M), akkuzat talli

1. b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, kissru l-istess dizpozizzjoni tal-ligi u cioè serq, maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta diversi atti ta' serq;

2. fis-6 ta' Jannar 2008 mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta limiti tal-Gudja, ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema reati ta' serq huma aggravati, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u

sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37), bil-persuna u bil-hin;

3. fid-9 ta' Jannar 2008, mill-istess lok, ikkommetta serq, liema reat ta' serq huwa aggravat, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix il-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94), u bil-persuna.

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti:

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat bir-reat kontinwat ta' serq aggravat bil-persuna u bil-hin. Mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta illi s-serq wettqu fil-kors tal-impjieg tieghu bhala 'loader' kontra terzi injoti.

Stante l-ammisjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi. Rat l-Artikolu 18, 261(d)(f), 270(d), 281(b)(c) u 37 tal-Kap.9. Tiddeciedi wara li kkunsidrat ic-cirkustanzi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------